MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2004

Appell Civili Numru. 182/1995/1

**Avukat Dr Victor Borg Grech**

**v.**

**Anthony E. Gullaumier u Louis Padovani**

**Il-Qorti:**

Dan hu appell minn sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili, moghtija fit-2 ta' Novembru, 2001 li permezz taghha l-konvenuti appellanti gew misjuba hatja li taw malafama lill-attur bl-ittra minnhom mibghuta fl-1 ta' Dicembru, 1994

u kkundannathom flimkien *in solidum* ihallsu lill-istess attur bhala danni s-somma ta’ hames mitt lira (Lm500), bl-imghax mid-data ta’ l-istess sentenza; huma gew ukoll ikkundannati jhallsu l-ispejjez kollha tal-kawza.

Is-sentenza ta’ l-ewwel Qorti tghid hekk:

Din hija kawza dwar libell famuz.
Ic-citazzjoni tghid illi l-konvenuti, b’ittra ta’ l-1 ta’ Dicembru 1994 mibghuta lil Paul Vella ghas-socjetà *Ballut Blocks Ltd*, taw malafama lill-attur billi attribwew lilu fatti determinati bi skop li joffendu l-unur u l-fama tieghu u li jesponuh ghar-redikolu u ghad-disprezz tal-pubbliku. F’dik l-ittra l-konvenuti allegaw, fost hwejjeg ohra, illi l-attur fil-qadi tad-dmirijiet tieghu kellu “skopijiet ulterjuri” u li ittradixxa lill-principali tieghu billi laghab “il-parti ta’ Guda”.
Billi dawn l-insinwazzjonijiet huma ingurjuzi ghall-attur, u jaghmlulu hsara billi mhux biss jimmalafamawh bhala persuna izda huma wkoll mahsuba biex jaghmlu hsara lill-fama tieghu bhala professjonist fil-qadi ta’ dmirijietu, u ghalhekk ghandu dritt ghad-danni li jahseb ghalihom l-Att dwar l-Istampa (Kap. 248), hu fetah din il-kawza u qieghed jitlob illi l-qorti:
1. tghid illi l-konvenuti taw malafama lill-attur bl-istampat fuq imsemmi bil-hsieb li jtellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni tieghu; u
2. tikkundanna lill-kull wiehed mill-konvenuti jhallas lill-attur dik is-somma li tigi likwidata f’ammont li ma jkunx ta’ aktar minn elfejn lira kull wiehed bhala danni u riparazzjoni ghall-ingurja morali u malafama.
Talab ukoll l-ispejjez u l-imghax.
Il-konvenuti ressqu dawn l-eccezzjonijiet:
1. l-ewwel nett l-attur la hu msemmi u lanqas ma huwa identifikabbli fl-ittra ta’ l-1 ta’ Dicembru 1994 imsemmija fic-citazzjoni; u
2. bla hsara ghall-ewwel eccezzjoni, fl-ittra huma migjuba opinjonijiet mibnija fuq fatti li huma sostanzjalment veri, u ghalhekk huma *fair comment* permessi mil-ligi u mill-gurisprudenza.
Il-fatti li wasslu ghal din il-kawza graw hekk:
L-attur kien il-konsulent legali u direttur tal-bord ta’ *Concrete Products Ltd*. Kien ukoll konsulent legali ta’

socjetà ohra, *Prestressed Concrete Ltd*, li kienet is-sid ta' l-ishma ta' *Concrete Products Ltd*. Il-konvenut Guillaumier kien direttur ta' *Prestressed Concrete Ltd*. Kien hemm il-hsieb li jinbieghu lil terzi l-beni ta' *Concrete Products Ltd* u l-attur u l-konvenut Guillaumier kienu inkarikati biex imexxu n-negozjati ma' min kien interessat li jixtri. L-attur kien dahal f'negozjati mas-socjetà *Ballut Blocks Ltd*, u, wara li l-attur kiseb l-awtorizzazzjoni tal-bord, iffirma konvenju u d-diretturi ta' *Ballut Blocks Ltd* tawh *cheque* bhala weghda ta' hlas ta' depozitu akkont tal-prezz. Billi kienet mehtiega wkoll il-firma tal-konvenut Guillaumier, l-attur ftiehem mad-diretturi ta' *Ballut Blocks Ltd* biex jiltaghu lkoll ghand Guillaumier biex flok ic-*cheque* jinghata *bank draft* u biex jiffirma wkoll Guillaumier.

Meta l-attur wasal hdejn Guillaumier sab illi dan kien qieghed jinnegozja ma' ohrajn li wkoll kienu interessati li jixtru. Meta l-attur fakkru li gà kien hemm rabta ma' *Ballut Blocks Ltd* ghadda bejniethom xi kliem shun, izda Guillaumier xorta spicca biex iffirma l-konvenju ma' *Ballut Blocks Ltd*, u din hallset depozitu akkont tal-prezz, din id-darba b'*bank draft.* Dan kien fis-7 ta' Novembru 1994.

Gara illi fit-30 ta' Novembru 1994 *Ballut Blocks Ltd* kienu mgharrfa illi l-bejgh ma kienx sejjer isir lilhom, u li *Concrete Products Ltd* kienet bieghet il-beni lil terzi. Meta saru jafu b'dan, fit-30 ta' Novembru stess id-diretturi ta' *Ballut Blocks Ltd* baghtu bil-*fax* ittra iebsa lill-konvenuti ghal *Concrete Products Ltd* u canfruhom talli, ghalkemm kellhom f'idejhom il-flus depozitati, ghamlu negozju ma' terzi bla ma gharrfu lil *Ballut Blocks Ltd.* Fost hwejjeg ohra qalulhom hekk:

L-interess taghkom kien li tilaghbu l-parti ta' Guda u tbieghu l-interessi ta' shabkom ghal ftit gwadann personali.

Il-konvenuti wiegbu l-ghada, l-1 ta' Dicembru 1994, fissru li l-bejgh lil *Ballut Blocks Ltd* ma kienx sar ghax din ma kinitx kisbet minghand terzi l-kirja tal-fabbrika ta' *Concrete Products Ltd*, u ghalqu l-ittra taghhom b'dan il-paragrafu:

Ghalhekk waqt li ahna naccertawkom li kollox sar *above board* u li ahna ghamilna kien fl-interess tal-kumpanija taghna u tal-maggoranza ta' shabna, jiddispjacina jekk li sar ma kienx jikkonforma ma' l-aspirazzjonijiet taghkom u

ta’ dawk li b’skopijiet ulterjuri u esperti li jilaghbu l-parti ta’ Juda, forsi sgwidawkom u tawkom pariri hziena.

L-attur qieghed ighid illi l-alluzjoni f’dan il-paragrafu hija ghalih, u fil-fatt hekk kienu fehmu wkoll id-diretturi u l-konsulenti ta’ *Ballut Blocks Ltd*[1]. Il-konvenuti, fl-ewwel eccezzjoni taghhom, qeghdin ighidu illi fl-ittra ma hemm xejn li juri li l-alluzjoni hija ghall-attur, li ma jistax jigi identifikat mill-ittra.

Ir-raguni ghala l-attur qieghed jifhem illi l-ittra tirreferi ghalih hija li kien l-attur li kien deher f’isem *Concrete Products Ltd* fin-negozjati ma’ *Ballut Blocks Ltd*, u kien l-attur li abbozza l-konvenju u li kien ta l-fehma jew il-parir tieghu dwar kif setghu jimxu *Ballut Blocks Ltd* biex jeghelbu xi diffikoltajiet burokratici biex ikun jista’ jsehh il-bejgh. Dan ghamlu mhux ghax kien il-konsulent ta’ *Ballut Blocks Ltd* izda ghax deherlu li *Concrete Products Ltd* ukoll kellha interess illi jsehh il-bejgh, u ghalhekk il-pariri li ta kienu fl-interess taz-zewg partijiet. Din l-imgieba ta’ l-attur tat lid-diretturi ta’ *Ballut Blocks Ltd* x’jifhmu illi l-ftehim mas-socjetà taghhom kien sejjer isehh.

Naturalment, min jaqra l-ittra biss, bla ma jkun jaf x’gara qabel u x’wassal ghaliha, ma jifhimx li l-alluzjoni hija ghall-attur, ghax imkien ma’ jissemma b’ismu fiha; izda l-ittra ntbaghtet lil min kien jaf x’kien qieghed jigri, u, fic-cirkostanzi, persuna wahda biss kien hemm li lil *Ballut Blocks Ltd* tathom pariri ta’ “espert” u wasslithom biex “jaspiraw” li jaslu fi ftehim ma’ *Concrete Products Ltd*. Billi l-ftehim fil-fatt ma sehhx, jista’ jinghad ukoll li dawn l-“aspirazzjonijiet” kienu “zgwidati”. L-attur xehed ukoll illi *Ballut Blocks Ltd* kienu lesti li, jekk isehh il-bejgh, jimpjegaw maghhom lill-Arkitett Lawrence Mintoff, u li din kienet haga li l-attur qabel maghha u xtaqha. Min kien jaf b’dan seta’ jifhem ukoll li dan kien l-“iskopijiet ulterjuri” li ssemmi l-ittra.

Il-qorti ghalhekk taqbel li, meta tqis ukoll id-destinatarji ta’ l-ittra tal-konvenuti u c-cirkostanzi li wasslu ghaliha, il-persuna li ghaliha hemm alluzjoni fl-ahhar paragrafu hija tassew l-attur. L-ewwel eccezzjoni hija ghalhekk michuda.

---

[1] Ara x-xiehda ta’ Dr Joseph R.Micallef fis-seduta tas-26 ta’ Novembru 1998, *foll.* 31 *et seq.*; ix-xiehda ta’ Raymond Mintoff fis-seduta tas-17 ta’ Gunju 1999, *foll.* 56 *et seqq.*

Imiss issa li nqisu l-eccezzjoni ta’ *fair comment*. Il-konvenuti qeghdin ighidu li l-kumment taghhom kien *fair comment* dwar fatt sostanzjalment korrett.
Biex il-fatt illi dwaru sar il-kumment ikun “sostanzjalment korrett” trid issir prova li l-attur ittradixxa lill-klijenti tieghu, u hekk laghab il-parti ta’ Guda, u li fittex mhux l-interess tal-klijenti tieghu izda interessi ohra, ghax kellu skopijiet ulterjuri. Fil-fehma tal-qorti, din il-prova mkien ma saret, ghax b’ebda mod ma ntwera li l-attur ghamel xi haga kontra l-interessi tal-klijenti tieghu biex jikseb vantaggi ghalih jew ghal haddiehor.
Il-konvenuti, fin-nota ta’ osservazzjonijiet taghhom, ghamlu tentativ biex juru li l-attur ittradixxa l-interessi taghhom meta ta pariri lill-parti l-ohra fin-negozjati. Fil-fatt, izda, gà rajna li l-pariri li kien ta l-attur kienu dwar kif setghu jintghelbu diffikoltajiet burokratici biex il-ftehim ikun jista’ jsehh, u ghalhekk kienu pariri fl-interess taz-zewg partijiet, u mhux fl-interess ta’ parti kontra ohra.
Fil-fehma tal-qorti, ghalhekk, l-eccezzjoni ta’ *fair comment* ma tistax tintlaqa’.
Huwa ovvju illi l-kummenti li ghamlu l-konvenuti kontra l-attur huma mahsuba li jaghmlu hsara lill-fama tieghu. Li tghid illi avukat, li ghandu d-dmir professjonali li jhares l-interessi legittimi tal-klijenti tieghu, ghazel minflok li jittradixxi dawk l-interessi biex ifittex skopijiet ulterjuri hija ingurja serja hafna mahsuba biex tnaqqas il-fiducja fil-professjonalità tieghu, aktar u aktar meta tqis illi l-fiducja tal-klijent fl-avukat tieghu hija essenzjali ghar-relazzjoni professjonali bejn l-avukat u l-klijent.
Il-konkluzjoni ghalhekk hija li bl-ittra ta’ l-1 ta’ Dicembru 1994 il-konvenuti ghamlu malafama lill-attur.
Fadal li jigi stabilit il-*quantum* tad-danni.
Il-qorti qieset kemm is-serjetà u l-gravità ta’ l-allegazzjonijiet maghmula kontra l-attur, kif ukoll il-fatt illi l-ittra kellha cirkolazzjoni relativament limitata, u hija tal-fehma li fic-cirkostanzi s-somma ta’ hames mitt lira (Lm500) tkun kumpens xieraq ghad-danni.
Ghal dawn ir-ragunijiet il-qorti taqta’ l-kawza billi, wara li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa’ t-talbiet ta’ l-attur: tghid illi l-konvenuti taw lill-attur malafama bl-ittra ta’ l-1 ta’ Dicembru 1994, u tikkundannahom flimkien *in solidum* ihallsu lill-attur bhala danni s-somma ta’ hames

mitt lira (Lm500), bl-imghax millum, flimkien ma’ l-ispejjez gudizzjarji kollha.

Il-konvenuti appellaw minn din is-sentenza b’rikors in data 21 ta’ Novembru, 2001. Huma ghandhom tlett aggravji. L-ewwel (1) aggravju hu bazikament fis-sens li ghalkemm l-ewwel Qorti ghamlet gabra tal-fatti li kienet sostanzjalment korretta, ma kienitx korretta fil-konkluzjoni taghha li r-referenza fil-paragrafu allegatament malafamanti ta’ l-ittra kienet neccessarjament referenza ghall-attur. L-appellanti jsostnu li mill-kumpless tal-provi l-persuna “l-aktar ovvja li setghet taqa’ fil-kategorija kien il-Perit [Lawrence] Mintoff u mhux l-attur”. Huma jikkontendu li l-ewwel Qorti “gibdet il-fatti hafna biex waslet ghall-konkluzzjoni li l-attur kien identifikabbli (u mhux il-Perit Mintoff jew haddiehor)”, u li biex waslet ghall-identifikazzjoni ta’ l-attur dik il-Qorti “oltrepassat it-test ordinarju stabbilit mill-awturi”. It-tieni (2) aggravju, li dwaru l-appellanti ftit li xejn jamplifikaw, hu fis-sens li dak li ntqal fl-ittra kien jammonta ghal *fair comment*. Fl-ahhar nett huma jilmentaw mill-*quantum* tad-danni, li huma jqisu li fic-cirkostanzi kien esagerat, tenut kont anke tal-fatt li l-kliem inkiteb u l-ittra ntbaghtet qabel l-emendi introdotti bl-Att X ta’ l-1996 u li zied l-ammont ta’ danni li qorti setghet taghti minn massimu ta’ elfejn lira ghal massimu ta’ hamest elef lira.

Din il-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa l-provi kollha migjuba quddiem l-ewwel Qorti, ma tara li tista’ tilqa ebda wiehed minn dawn l-aggravji. L-ewwel aggravju hu, essenzjalment, kwistjoni ta’ apprezzament ta’ provi u, kif inhu risaput, din il-Qorti, bhala qorti ta’ revizjoni, ma tiddisturbax leggerment tali apprezzament. Dan l-apprezzament jigi disturbat biss jekk din il-Qorti tkun sodisfatta jew li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament manifestament skorrett tal-provi li kellha quddiemha jew jekk, f’dak l-apprezzament taghha, tkun b’xi mod giet sgwidata mill-applikazzjoni minnha stess ta’ xi principju legali zbaljat. Kwantu ghal dan it-tieni aspett jinghad mill-ewwel li l-ewwel Qorti kienet perfettament korretta meta rriteniet li wiehed irid jikkonsidra b’mod partikolari min gie a konjizzjoni ta’ l-istampat in kwistjoni – f’dan il-kaz ittra –

biex tara jekk dik il-persuna kienitx  a konjizzjoni ta' certi fatti li minhabba fihom setghet facilment tifhem ghal min kienu jirreferu l-kliem li minnhom l-attur qed jilmenta – fi kliem iehor jekk l-attur kienx identifikabbli. Kif jinghad f'**Gatley on Libel and Slander** (awtur li kemm l-appellanti kif ukoll l-appellat jirreferu ghalih):

**"The question is whether the libel designates the plaintiff in such a way as to let those who knew him understand that he was the person meant. It is not necessary that all the world should understand the libel; it is sufficient if those who knew the plaintiff can make out that he is the person meant," i.e. "meant by the words employed." "There is abundant authority to show that it is not necessary for everyone to know to whom the article refers; this would in many cases be an impossibility; but if, in the opinion of a jury, a substantial number of persons who knew the plaintiff, reading the article, would believe that it refers to him, in my opinion an action, assuming the language to be defamatory, can be maintained; and it makes no difference whether the writer of the article inserted the name or description unintentionally or by accident, or believing that no person existed corresponding with the name or answering the description. If upon the evidence the jury are of opinion that ordinary sensible readers, knowing the plaintiff, would be of opinion that the article referred to him, the plaintiff's case is made out." "It is the circumstances in which a statement is made which give it colour, meaning and thrust: they may combine to make a statement, seemingly innocuous in itself, an infamous defamation of a person who is caught and pointed to by those circumstances". Even if the ordinary member of the public who reads the defamatory statement in its context would not regard it as referring to the plaintiff, nevertheless it will be held to refer to the plaintiff if it has been published to readers who as a result of special facts or special knowledge would undertstand it as so referring.** [2]

---

[2] Sweet & Maxwell (London), 1981 (8th edition), paras. 282 – 283, p. 124.

Mill-kumpless tal-provi ma hemmx dubbju li n-nies li lilhom kienet pubblikata l-ittra ma setghux ma jifhmux, minhabba li kienu jafu bir-retroxena ta' dak li kien gara fin-negozjati bejn iz-zewg kumpaniji (Concrete Products Limited u Ballut Blocks Limited), li r-referenza fil-paragrafu lamentat kienet ghall-Avukat Borg Grech – ara b'mod partikolari d-deposizzjonijiet ta' l-Avukat (illum Imhallef) Joseph R. Micallef (fol. 29 *et seq.*) u tal-Perit Lawrence Mintoff (fol. 72 *et seq.*). Ghalhekk dana l-ewwel aggravju ser jigi respint.

Kwantu ghat-tieni aggravju, din il-Qorti ftit li xejn ghandha xi tghid. L-oneru tal-prova – kif gustament osservat l-ewwel Qorti – li l-fatti bazici kienu sostanzjalment veri kien jinkombi fuq il-konvenuti. Dawn, pero`, ma gabu ebda prova li l-attur ghamel xi haga kontra l-interessi taghhom biex jikseb vantagg ghalih jew ghal haddiehor, b'mod li laghab "il-parti ta' Guda" jew li kellu xi "skopijiet ulterjuri". Ghalhekk dana l-aggravju ma jregix, u frankament jirrazenta l-fieragh.

Riferibbilment ghall-ammont ta' danni, huwa minnu li l-ittra in kwistjoni nkitbet, u l-azzjoni nbdiet, meta l-massimu tad-danni skond il-ligi kien ta' elfejn lira. Minkejja dan, din il-Qorti ma tara li ghandha taghmel ebda varjazzjoni ghal dak li jirrigwarda l-*quantum* tad-danni. L-akkuza kontra l-attur – li hu kien ittradixxa l-interessi tal-klijenti tieghu, *ergo* Guda – kienet wahda mill-aktar akkuzi serji li wiehed jista' jaghmel fil-konfront ta' avukat, hu hija, ghalhekk, <u>altament malafamanti</u>. Huwa veru li forsi l-konvenuti kitbuha fis-sahna tal-mument, però dan ma jnaqqas xejn mill-hsara morali li tali malafama ggib. L-appellanti, fir-rikors taghhom, jaghmlu referenza ghal tlett sentenzi – tnejn tal-Prim Awla u wahda ta' l-Appell – fejn id-danni gew stabbiliti f'ammonti anqas. Però, kif tajjeb gie osservat mill-appellat fir-risposta tieghu, dawn it-tlett kazijiet kienu jirrigwardaw persunaggi pubblici fi sfond politiku, u ghalhekk il-fattispeci kienu kompletament differenti minn dawk odjerni. Fil-kaz ordjern, però, il-gravità ta' l-ingurja trid tigi bilancjata mal-fatt li l-malafama kellha cirkolazzjoni limitata, fatt, dan li ttiehed in

konsiderazzjoni mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha. Kollox ma’ kollox, ghalhekk, ma hemm lok ta’ ebda varjazzjoni ghal dak li jirrigwarda l-ammont tad-danni.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta’ dana l-appell jithallsu mill-konvenuti appellanti solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------